MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2008

Numru. 946/2004

PULIZIJA
SPETTUR ALFRED MALLIA
VS
EDWARD LAURENCE HUGHES

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat talli Edward Laurence Hughes ta' 27 sena iben David Jeffrey u Mary Darmanin, imwieled l-Ingilterra fit-13 ta' Awissu, 1977 u residenti 50, Triq San Filippu, Birgu u detentur tal-Karta ta' identita' bin-numru 233096(m). U akkuzat talli gewwa l-Kalkara u l-Birgu nhar il-Hadd 31 ta' Ottubru 2004 ghal habta tas-2.00am:

Insulenta, offenda u hedded bi kliem lill-PS 43 Sandro Camilleri, PC 1165 Emanuel Sciberras u PC 518 Anthony De Giovanni, persuni nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kienu qeghdin jaghmlu dan is-servizz, bil-

hsieb li jbezzaghhom jew jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz.

Talli fl-istess data, lok u hin attakka u ghamel rezistenza bi vjolenza jew hebb, liema vjolenza ma titqiesx bhala vjolenza pubblika kontra l-imsemmija ufficjali tal-Pulizija, persuni nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li dawn kienu qeghdin jagixxi ghal ezekuzzjoni tal-ligi jew b’ ordni moghtija skond il-ligi minn Awtorita kompetenti.

Akkuzat talli bil-lejl kiser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes, b’ ghajjat, dagha u glied.

Akkuzat talli ghad illi kien xurban qal fil-pubbliku, kliem oxxen jew indicenti, offenda il-morali jew l-imgieba xierqa jew id-decenza pubblika.

Akkuzat talli m’ obdiex l-ordnijiet Legittimi ta’ l-Awtorita’ jew ta’ wiehed li kien inkarigat minn servizz pubbliku, meta naqas milli jaghti il-partikularitajiet tieghu lill-Ufficjal tal-Pulizija PS 43 S Camilleri.

Akkuzat ukoll talli saq vettura Opel Astra HAU304 b’ nuqqas ta’ kont, bi traskuragni jew b’ mod perikoluz.

Il-Qorti giet gentilment mitluba biex tapplika l-art 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ghas-sigurta ta’ PS 43 S Camilleri, PC 1165 E Sciberras u PC 518 A De Giovanni u membri tal-familja taghhom.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Illi mix-xhieda tal-Prosekuzzjoni irrizulta (ara xhieda fol 11 et seq) illi fit-23 ta’ Ottubru tat-2004 il-Pulizija kienu rcevew telefonata mill-Bar Super Nova heights Bormla illi kien gie misruq mobile phone. Il-Pulizija accedied fuq il-post u bdew jitkellmu ma’ sid il-hanut certu Mario Mifsud u n-nies prezenti fil-bar bdew jindikaw lil imputat bhala l-

persuna li ha dan il-mobile.  Il-Pulizija avvicinat lil imputat u bdiet tipprova tkellmu u dan beda jheddidhom.  Dan il-persuna dahal fil-karozza tieghu Opel Astra HAU 304, saq b' manjiera perikoluza u telaq minn fuq il-post.  Il-Pulizija kienu wkoll talbuh il-particulars u dan naqas milli jaghtihomlhom.  Il-Pulizija ghamlu tfittxija u sabu fejn kien jirrisjedi.  Ghaldaqstant accedew ghad-dar tieghu.

Spettur Alfred Mallia xehed illi meta l-Pulizija accedew ghad-dar ta' l-imputat "ix-xenati komplew u beda jerga' jhedded lil Pulizija, beda jfajrilhom bil-ponn ... ."  Spettur Mallia kkonferma li l-imputat kien irrilaxxa stqarrija fejn ammetta l-izbalji tieghu fejn qal li verament saq b' mod perikoluz, li verament ma riedx jaghti l-particulars tieghu lil Pulizija, li hebb ghalihom.  Pero' qal li kien xurban u ma kienx jaf x' qed jaghmel.  L-istqarrija tieghu giet esebita u mmarkata bhala dokument AM 1 tinstab a fol 3 et seq.

Brian Briffa a fol 15 et seq ikkonferma illi huwa jahdem fil-bar Super Nova il-Kalkara u dakinhar ta' l-incident huma kienu cemplu lil Pulizija stante li kien naqas jew insteraq mobile mill-hanut taghhom.  Ikkonferma illi l-Pulizija kienu gew il-bar, illi bdew jitkellmu man-nies.  Infatti wkoll bdew jitkellmu ma' l-imputat.  Briffa ddikjara illi s-Surgent beda jindirizza lil imputat u jghidlu biex jieqaf u ma jitlaqx.  Izda mbaghad ma tax kaz iktar il-ghaliex kien hemm Pulizija iehor qieghed ikellem lilu.  Huwa xehed illi dak il-hin ma semax kliem oxxenn jew kliem ta' theddid mill-imputat indirizzat lejn il-Pulizija.  Brian Briffa aktar tard fix-xhieda kkonferma illi minkejja l-Pulizija indirizzaw lil imputat u tawh struzzjoni biex ma jitlaqx minn fuq il-post, dana xorta wahda telaq.

Romina Briffa fol 20 et seq ikkonfermat illi hija kienet qeghda tahdem is-Super Nova Heights bar dak il-lejl ta' l-incident flimkien mar-ragel taghha.  Ikkonfermat illi dak il-lejl kien naqas mobile ta' wiehed mill-klijenti taghhom u li ghaldaqstant huma cemplu ghal Pulizija.  Romina Briffa xehdet illi l-unika persuna li ma baqax fil-bar meta il-Pulizija kienu qeghdin jinvestigaw kien l-imputat (ara xhieda fol 21).

Mary Hughes (fol 23) omm l-imputat, xehdet li fid-data ndikata fic-citazzjoni hija kienet f' darha. Semghet karozza tieqaf, ittawlet, rat illi kien Pulizija li talbuha jkellmu lit-tifel taghha, l-imputat. Mary Hughes xehdet li l-imputat binha nizel, kien qal lil Pulizija biex ma joqghodux jinkwetaw lil ommu il-ghaliex din kienet marida biz-zokkor. Mary Hughes qalet illi l-Pulizija kienu qeghdin jitolbuh il-particulars tieghu u li hi telghet biex iggib l-identity card ta' binha. Ikkonfermat ukoll illi hija kienet zammet lit-tifel taghha. Ikkonfermat illi hija qalet il-kliem, (indirizzat lit-tifel taghha) " ghidtlu hallihom ghax beda jghidilhom biex ihallu lil ommu, tinkwetawiex. Ghidtlu Edward iskot, int qed tinkweta lil ommok u daqshekk" (ara xhieda fol 26). Mary Hughes xehdet li hija ma ratx lil imputat ixejjer fid-direzzjoni tal-Pulizija, anzi tammetti illi "jien xejjirtlu anzi lit-tifel". Mary Hughes xehdet li binha ma kienx aggressiv mal-Pulizija, li ma offendihomx jew heddidhom u li ma kienx hemm xi ghajjat specjali.

PC 43 Sandro Camilleri a fol 29 et seq ikkonferma illi huwa acceda s-Super Nova Heights Bar fil-31 ta' Ottubru minhabba allegazzjoni ta' serq ta' mobile, fejn il-klijenti tal-bar kienu qeghdin jallegaw illi dan kien gie mehud minn certu Hughes illi dak il-hin ma kienx prezenti. Wara ftit kienet giet karozza Opel Astra sewda u l-klijenti tal-bar indikaw lil Pulizija illi dak kien Hughes. Il-Pulizija marru fuqu u talbuh biex johrog mill-karozza halli jitkellmu mieghu fil-bar. L-imputat beda jghajjat u jinsulenta lil Pulizija u beda jidghi. Imbaghad dahal fil-karozza, il-Pulizija tawh ordni biex jerga' johrog mill-karozza izda l-imputat ma tax kaz din l-ordni tal-Pulizija u telaq minn fuq il-post bis-sahha: "l-ewwel haga kien taht l-influwenza tax-xorb ghax xammejtu li xurban jiena, kellu riha ta' xorb" (ara xhieda fol 30).

Illi sussegwentement ghal dan l-incident il-Pulizija accedew ghar-residenza ta' l-imputat u kienet harget il-mamma tieghu mill-gallarija. Fil-pront hareg jigri l-imputat u rega' beda jinsultahom u jghajjarhom bil-kliem indikati a fol 30 tal-process. PC 43 Sandro Camilleri fil-fatt fahhar lil omm l-imputat, illi ghamlet l-ghalmu taghha biex tikkalma lit-tifel taghha. Saret tfittxija fil-karozza ta' l-imputat izda

ma nstab xejn. PC43 ikkonferma il-prezenza tieghu fl-istqarrija ta’ l-imputat dokument AM 1.

Gie esebit il-Kunsens ta’ l-Avukat Generali dokument AM 4 u l-okkorenza dokument AM 5.

PC 518 Anthony De Giovanni kkonferma ix-xhieda ta’ PS Camilleri, a fol 41 et seq, ikkonferma l-agir aggressiv ta’ l-imputat versus is-Surgent u l-manjiera perikoluza li bih l-imputat saq minn fuq il-post. PC 518 xehed li l-karozza ta’ l-imputat kienet HAU304 Opel Astra, li l-pulizija imbaghad marru jkellmu lil imputat fir-residenza tieghu. Ikkonferma wkoll illi l-imputat, meta gie mitkellem mill-Pulizija fir-residenza tieghu, ghamel “hafna mutteti u hafna dagha”.

Mario Mifsud ikkonferma li huwa kellu telecell fuq il-mejda tal-bar fil-Kalkara u li dan insteraq minn taht ghajnejh. Ikkonferma li l-imputat kien prezenti fil-bar pero’ qal illi hu ma ra lil hadd jisraqlu l-mobile. Xehed li l-imputat kien telaq minn fuq il-post u jaf illi dan rega’ irritorna izda hu ma kienx fuq il-post meta dan sar.

Christopher Darmanin a fol 47 ikkonferma li l-karozza HAU 304 Opel Astra Sewda hija propjeta ta’ l-imputat.

PC 1165 Manuel Sciberras a fol 61 et seq xehed illi fuq struzzjonijiet ta’ PS 43 huwa kien akkumpanja lilu u lil PC 518 sabiex jigi arrestat l-imputat. Kif marru d-dar kienet nizlet omm l-imputat u l-imputat hareg jghajjat mas-Surgent u beda jinsulentah, tant illi omm l-imputat stess kienet qeghda tipprova taghlaq halq l-imputat fizikament biex dan ma jibqax jghajjat u jaghmel l-istorbju. Nel frattemp kienu anke gew shab l-imputat u l-Pulizija kellhom ukoll izommu lilhom sa kemm fl-ahhar ikkalmaw is-sitwazzjoni. Illi wara li giet ikkalmata s-sitwazzjoni l-imputat talab skuza lis-Surgent fuq dak illi ghamel.

A fol 62, PC 1165 Sciberras xehed illi kien hemm mumenti fejn l-imputat anke beda jxejjer bis-sieq lejn is-Surgent. PS 43 Camilleri in kontro Ezami ikkonferma ix-xhieda tieghu. Xehed illi kif wasal l-imputat fuq il-post hu, bhala Surgent, talab biex ikellmu, izda l-imputat beda jghajjat “u

irvilla” (ara fol 72). PS Camilleri ikkonferma illi l-imputat kien telaq minn fuq il-post bil-karozza tieghu u li huma kellhom jaghmlu ricerki biex jaraw fejn joqghod l-imputat. PS Camilleri ikkonferma illi anki fid-dar tar-residenza ta’ l-imputat, ghat-tieni darba l-imputat hareg jigri ghalih u “beda jfajjarli bil-ponn lili ried joqtolni. Ommu zammitu dakinhar, ommu zammitu dakinhar. Bdiet ittih go wiccu u tghidlu ieqaf, ieqaf.” Ara xhieda fol 73.

In kontro ezami PC 1165 Emanuel Sciberras fol 74 et seq ikkonferma l-kontenut tax-xhieda precedenti tieghu u xehed illi kellu jzomm lil imputat minn idejh il-ghaliex beda jxejjer bis-sieq biex jipprova jagredixxi lis-Surgent. “. . . nikkonferma li dan beda jghidi u jghajjat” u imbaghad wara certu hin “illi domna nikkumbattu mieghu, ikkalma.” (Ara fol 75).

L-imputat a fol 77 xehed li huwa kien qieghed jixrob gol-bar indikat fix-xhieda. Jghid illi kien sar il-hin u li mar id-dar. Kif kien sejjer wiehed minn shabu dar fuqu u qallu illi kien seraq xi mobile u li kienu gejjin il-Pulizija. L-imputat ikkonferma illi huwa kien irrispondih “ jiena xorta sejjer” u telaq. Xehed illi huwa mar lura fil-bar il-ghaliex ma sabx jipparkja fejn id-dar tieghu u ghaliex beda jinkwieta. L-imputat xehed illi huwa lanqas biss nizel mill-karozza u il-Pulizija habbatlu fuq it-tieqa tal-karozza b’ arroganza. Xehed illi huwa lanqas kien jaf x’ kien qed jghid lil-pulizija, dahhal il-gear fir-reverse, saq u mar lura d-dar. Wara ftit rega’ sema lil Pulizija ihabbtu l-bieb, ommu kienet fil-gallarija, nizel u qal lil Pulizija biex ma joqghodux jinkwetaw lil ommu. Xehed illi hatafhom u ma jafx x’ gara iktar, izda jaf illi “wara ftit kalmawni u tajthom il-particulars”. Ikkonferma illi huwa beda jinkwieta il-ghaliex ommu tbaghti bil-pressjoni.

l-imputat qal illi huwa saq b’ mod normali meta telaq mill-hanut wara li l-Pulizija habbatlu t-tieqa b’ arroganza u kkonferma li hadd ma akkuzah illi seraq xi mobile. Fuq domanda tal-Qorti l-imputat xehed li huwa rega’ mar lura f’ dan il-bar il-ghaliex beda jahseb illi l-agir tieghu u cioe’ li telaq mill-bar, seta’ jigi nterpretat hazin. Izda fl-ebda hin ma mar ikellem lil Pulizija biex jghidilhom illi hu ma hax il-

mobile. L-imputat a fol 81 ammetta li beda jghajjat mal-Pulizija il-ghaliex dawn kienu qeghdin jinkwetaw lil ommu. Innega illi hebb ghal xi membri tal-Pulizija jew li beda jidghi u jghid li ma wegga' lil hadd. Dwar il-manjiera li biha saq, l-imputat a fol 81 jghid " jien ma hassejtniex li soqt bis-sahha u lanqas bil-mod, soqt normali"

Ikkunsidrat:-

Illi mix-xhieda tal-prosekuzzjoni jirrizulta b' mod lampanti li l-imputat kien ghamel zmien konsiderevoli jixrob fil-hanut. Fil-fatt kien fis-sakra u li meta kien hemm suspett illi insteraq il-mobile dan qabad u telaq minn fuq il-post. Illi ghal xi raguni l-imputat rega' bdielu u rega' saq ghal hdejn dan il-hanut. Gie avvicinat mill-Pulizija li xtaqu jkellmuh izda dan saq b' manjiera perikoluza minn fuq il-post.

Il-Qorti taghraf ukoll illi x-xhieda tal-Prosekuzzjoni kienet wahda preciza u dettaljata u anke vivida fid-deskrizzjoni taghha u li ghandna mis-sewwa. Illi kuntrarjament ghal dak illi jghid l-imputat, din il-Qorti temmen illi l-imputat insulenta lil Pulizija, beda jghajjat fil-pubbliku u jidghi u li ma obdiex ordni tal-Pulizija biex jieqaf u jigi mitkellem mill-Pulizija u biex jittiehdulu l-particulars.

Illi minn hemmhekk l-incident tkompla naqra iktar tard fir-residenza ta' l-imputat fejn, sahansitra, omm l-imputat kellha izzomm lil binha, taghttilu halqu biex ma jkompliex jinsulenta lil Pulizija, apparti li kellu jigi mizmum fizikament minn Pulizija halli ma jagredixxih lil PS 43 il-ghaliex l-imputat beda jxejjer bil-ponn u jaghti bis-sieq.

Illi l-Qorti ma taghti ebda kredibilita' ghal verzjoni ta' l-imputat li jghid illi saq minn fuq il-post il-ghaliex il-Pulizija habbatlu fuq it-tieqa tal-karozza b' arroganza, u tara din il-verzjoni bhala pretiza puerili biex jipprova jghatti ghemilu.

Il-Qorti kellha wkoll l-opportunita illi tara u tezamina l-fedina penali ta' l-imputat illi kien misjub hati ta' offiza fuq Pulizija fin-1996 u li naqas illi jobdi l-ordni legittima tal-Pulizija fit-2004 u li kellu zewg akkuzi ohra fin-1999 u fit-2000 ta' sewqan b' manjiera perikoluza.

Illi ghal dawn il-mottivi issib lil imputat hati ta’ l-ewwel b’ assorbiment ghal fini ta’ piena tat-tieni akkuza, tat-tielet, ir-raba’, il-hames u sitt akkuza u wara li rat l-Artiklu 95, 338(dd), 342, 39(1)(e), 38 1(ee), 28 A kollha taht il-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, Artiklu 15 Kap 65 tal-Ligijiet ta’ Malta u tikkundanna lil imputat ghal sitt xhur prigunerija sospizi ghal sentejn, waqt li tissospendi l-licenzja tas-sewqan ta’ l-imputat ghal perjodu ta’ sena.

Il-Qorti fehmet lil imputat l-import u l-konsegwenzi ta’ sentenza sospiza.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------